II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/511

tat-23 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Jenħtieġ li ċerti kodiċijiet ta' rappurtar jiġu mmodifikati sabiex ir-rappurtar tal-qabdiet ikun jista' jsir b'mod preċiż. Jenħtieġ li ċerti referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna u l-formulazzjoni tagħhom jiġu kkoreġuti.

(3) Fir-Regolament (UE) 2018/120, il-qabda totali permissibbli (TAC) għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES kienet stabbilita għal żero. Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku rilevanti jkun disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li l-attivitajiet tas-sajd jibdew f'April.

(4) Jenħtieġ li l-limiti ta' qbid għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES issa jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), maħruġ fit-23 ta' Frar 2018.

(5) Għas-sajd taċ-ċiċċirell, id-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES huma maqsuma f'żoni ta' ġestjoni, abbażi ta' parir xjentifiku. Iż-żona ta' ġestjoni 3r tinsab prinċipalment fl-ilmijiet Norveġiżi. Madankollu, din tinkludi wkoll l-ilmijiet tal-Unjoni, u xi sikek tas-sajd importanti transżonali bejn iż-żoni ta' ġestjoni 2r u 3r. Il-parir tal-ICES jindika li, bħala medja, 8 % tal-qabdiet fiż-żona ta' ġestjoni 3r jinqabdu f'ilmijiet tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-limiti ta' qbid fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona ta' ġestjoni 3r jiġu stabbiliti skont dak il-parir.

(6) Jenħtieġ li t- TAC għall-bakkaljaw fis-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES tiġi emendata biex tirrifletti korrettament l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-Unjoni f'dik iż-żona.

(7) Jenħtieġ li jiġi emendat l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-konz permessi għal Malta fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT li jistgħu jiġu awtorizzati biex jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh, jew iħottuh l-art, biex jittieħed kont tal-għadd akbar ta' bastimenti li huma awtorizzati jagħmlu dan.

(8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/120 jiġi emendat skont dan.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

(9) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2018/120 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi IA, IB u IV għar-Regolament (UE) 2018/120 huma emendati f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA

ANNESS

1. L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell u qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a, 3a u 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ċiċċirell u qabdiet aċċessorji assoċjati *Ammodytes* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a, 3a u 4 (1)

Danimarka	195 875 (2)
Renju Unit	4 282 (2)
Ġermanja	300 (2)
Żvezja	7 193 (2)
L-Unjoni	207 650
TAC	207 650

TAC analitika

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika

(1) Għajr l-ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavalli (OT1/*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavalli magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

Kondizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell, kif definit fl-Anness IID:

Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r (1)	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R)	(SAN/234_2R)	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6)	(SAN/234_7R)
Danimarka	126 837	4 717	8 177	55 979	0	165	0
Renju Unit	2 772	103	179	1 224	0	4	0
Ġermanja	194	7	13	86	0	0	0
Żvezja	4 658	173	300	2 056	0	6	0
L-Unjoni	134 461	5 000	8 669	59 345	0	175	0
Total	134 461	5 000	8 669	59 345	0	175	0

(1) Fiż-żona ta' ġestjoni 2r it-TAC tista' tiġi mistada biss bħala TAC ta' monitoraġġ bi protokoll assoċjata ta' kampjunar għall-attività tas-sajd."

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-*arġentina silus* fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a u 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a u 4 (ARU/3A4-C)
Danimarka	1 093		
Ġermanja	11		
Franza	8		
Irlanda	8		
Netherlands	51		
Żvezja	43		
Renju Unit	20		
L-Unjoni	1 234		
TAC	1 234	TAC ta' prekawzjoni"	

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għat-tusk fi 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	3a (USK/03 A.)
Danimarka	15		
Żvezja	8		
Ġermanja	8		
L-Unjoni	31		
TAC	31	TAC ta' prekawzjoni Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament"	

(d) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għat-tusk fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 5, 6 u 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 5, 6 u 7 (USK/567EI.)
Ġermanja	17		
Spanja	60		
Franza	705		
Irlanda	68		
Renju Unit	340		
Oħrajn	17 (1)		
L-Unjoni	1 207		
Norveġja	2 923 (2) (3) (4) (5)		
TAC	4 130	TAC ta' prekawzjoni Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	

(1) Esklużivament għall-qabdiet aċċessorji. F'din il-kwota mhuwiex permess sajd dirett.

(2) Iridu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a, 4, 5b, 6 u 7 (USK/*24X7C).

(3) Kondizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, f'5b, 6 u 7. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qabda inċidentali totali ta' speċijiet oħra f'5b, 6 u 7 ma għandhiex taqbeż l-ammont li ġej, ta' f'tunnellati (OTH/*5B67-): 3 000. Il-qabda aċċessorja tal-bakkaljaw skont din id-dispożizzjoni fiż-żona 6a ma tistax tkun iktar minn 5 %.

(4) Inkluż il-lipp. Dawn il-kwoti tan-Norveġja għandhom jiġu mistada biss bil-konzijiet f'5b, 6 u 7:

Lipp (LIN/*5B67-)	7 500
Tusk (USK/*5B67-)	2 923

(5) Il-kwoti tat-tusk u tal-lipp tan-Norveġja jistgħu jiġu skambjati sa dan l-ammont f'tunnellati: 2 000."

(e) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fi 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Merluzz tal-linja sewda *Melanogrammus aeglefinus*	**Żona:**	3a (HAD/03 A.)
Belġju	12		
Danimarka	2 070		
Ġermanja	132		
Netherlands	2		
Żvezja	245		
L-Unjoni	2 461		
TAC	2 569	TAC analitika"	

(f) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz fi 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Merluzz *Merluccius merluccius*	**Żona:**	3a (HKE/03 A.)
Danimarka	2 890 (1)		
Żvezja	246 (1)		
L-Unjoni	3 136		
TAC	3 136 (2)	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	

(1) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a u 4. Madankollu, dawn it-trasferimenti għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni minn qabel.
(2) Fi ħdan din it-TAC ġenerali għall-istokk tat-Tramuntana tal-merluzz: 111 785."

(g) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Stokkafixx *Micromesistius poutassou*	**Żona:**	ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/1X14)
Danimarka	61 277 (1)		
Ġermanja	23 825 (1)		
Spanja	51 949 (1) (2)		
Franza	42 644 (1)		
Irlanda	47 451 (1)		
Netherlands	74 720 (1)		
Portugall	4 826 (1) (2)		
Żvezja	15 158 (1)		
Renju Unit	79 513 (1)		
L-Unjoni	401 363 (1) (3)		
Norveġja	110 000		
Gżejjer Faeroe	10 000		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	

(1) Kondizzjoni speċjali: fil-limitu ta' kwantità totali tal-aċċess ta' 21 500 tunnellata għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqbdu sa mhux iżjed minn dan il-perċentwal tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 9,2 %.
(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn 8c, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, dawn it-trasferimenti għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.
(3) Kondizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-UE fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 (WHB/*NZJM1) u f'8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), tista' tiġi mistada l-kwantità li ġejja fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen: 227 975."

(h) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-linarda fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Linarda *Molva dypterygia*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 3a (BLI/03 A-)
Danimarka	3		
Ġermanja	2		
Żvezja	3		
L-Unjoni	8		
TAC	8		TAC ta' prekawzjoni"

(i) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lipp fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a (LIN/03 A.)
Belġju	6		
Danimarka	50		
Ġermanja	6		
Żvezja	19		
Renju Unit	6		
L-Unjoni	87		
TAC	87		TAC ta' prekawzjoni"

(j) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lipp fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 (LIN/6X14.)
Belġju	48 (1)		
Danimarka	8 (1)		
Ġermanja	173 (1)		
Spanja	3 498		
Franza	3 730 (1)		
Irlanda	935		
Portugall	8		
Renju Unit	4 296 (1)		
L-Unjoni	12 696		
Norveġja	7 500 (2) (3) (4)		
Gżejjer Faeroe	200 (5) (6)		
TAC	20 396	TAC ta' prekawzjoni Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament	

(1) Kondizzjoni speċjali: mhux aktar minn 15 % ta' din il-kwota tista' tiġi mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4 (LIN/*04-C.).

(2) Kondizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, f'5b, 6 u 7. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qabda inċidentali totali ta' speċijiet oħra f'5b, 6 u 7 ma għandhiex taqbeż l-ammont li ġej, f'tunnellati (OTH/*6X14.): 3 000. Il-qabda aċċessorja tal-bakkaljaw skont din id-dispożizzjoni fiż-żona 6a ma tistax tkun iktar minn 5 %.

(3) Inkluż it-tusk. Il-kwoti għan-Norveġja għandhom jiġu mistada biss bil-konzijiet f'5b, 6 u 7, u jammontaw għal:
Lipp (LIN/*5B67-) 7 500
Tusk (USK/*5B67-) 2 923

(4) Il-kwoti tal-lipp u tat-tusk għan-Norveġja jistgħu jiġu skambjati sal-ammont li ġej, f'tunnellati: 2 000

(5) Inkluż it-tusk. Iridu jiġu mistada f'6b u 6a fit-tramuntana ta' 56° 30′ N (LIN/*6BAN.).

(6) Kondizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 20 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, f'6a u 6b. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qabda inċidentali totali ta' speċijiet oħra f'6a u 6b ma għandhiex taqbeż dan l-ammont, f'tunnellati (OTH/*6AB.): 75."

(k) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-awwista Norveġiża fi 3a hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Awwista Norveġiża *Nephrops norvegicus*	**Żona:**	3a (NEP/03 A.)
Danimarka	8 626		
Ġermanja	25		
Żvezja	3 087		
L-Unjoni	11 738		
TAC	11 738	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament"	

(l) *ma japplikax għall-Malti*;

(m) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lingwata komuni fi 3a u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-Sottodiviżjonijiet 22-24 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lingwata komuni *Solea solea*	**Żona:**	3a; Ilmijiet tal-Unjoni tas-Sottodiviżjonijiet 22-24 (SOL/3ABC24)
Danimarka	376		
Ġermanja	22 (1)		
Netherlands	36 (1)		
Żvezja	14		
L-Unjoni	448		
TAC	448	TAC analitika	

(1) Il-kwota tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a, is-Sottodiviżjonijiet 22-24."

(n) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell u qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4b, 4c u 7d hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Sawrell u qabdiet aċċessorji assoċjati *Trachurus* spp.	**Żona:**	Ilmijiet tal-Unjoni ta' 4b, 4c u 7d (JAX/4BC7D)
Belġju	14 (1)		
Danimarka	5 985 (1)		
Ġermanja	529 (1) (2)		
Spanja	111 (1)		
Franza	497 (1) (2)		
Irlanda	376 (1)		
Netherlands	3 604 (1) (2)		
Portugall	13 (1)		
Żvezja	75 (1)		
Renju Unit	1 425 (1) (2)		
L-Unjoni	12 629		
Norveġja	2 550 (3)		
TAC	15 179	TAC ta' prekawzjoni	

(1) Sa 5 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-minfaħ, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu u tal-kavall (OTH/*4BC7D). Il-qabdiet aċċessorji tal-minfaħ, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-merlangu u tal-kavall magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(2) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % ta' din il-kwota mistada fid-diviżjoni 7d tista' tingħadd bħala li kienet mistada taħt il-kwota li tikkonċerna ż-żona li ġejja: ilmijiet tal-Unjoni ta' 2a, 4a, 6, 7a-c, 7e-k, 8a, 8b, 8d u 8e; ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' 5b; ilmijiet internazzjonali ta' 12 u 14 (JAX/*2 A-14).

(3) Jistgħu jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4a iżda ma jistgħux jiġu mistada fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 7d (JAX/*04-C.)."

2. L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw f'1 u 2b tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	1 u 2b (COD/1/2B.)
Ġermanja	5 409 (3)		
Spanja	12 047 (3)		
Franza	2 461 (3)		
Polonja	2 359 (3)		
Portugall	2 472 (3)		
Renju Unit	3 552 (3)		
Stati Membri oħra	390 (1) (3)		
L-Unjoni	28 690 (2)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika	

(1) Ħlief il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit.

(2) L-allokazzjoni tas-sehem tal-istokk tal-bakkaljaw disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Spitzbergen u l-Gżira Bear u l-qabdiet aċċessorji assoċjati tal-merluzz tal-linja sewda huma kompletament mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.

(3) Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda jistgħu jirrappreżentaw sa 14 % għal kull qabda. Il-kwantitajiet tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda huma b'żieda mal-kwota għall-bakkaljaw."

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-redfish (pelaġiku) fl-ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland ta' 5, 12 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Redfish (pelaġiku) *Sebastes* spp.	**Żona:**	Ilmijiet ta' Greenland tan-NAFO 1F u ilmijiet ta' Greenland ta' 5, 12 u 14 (RED/N1G14P)
Ġermanja	858 (1) (2) (3)		
Franza	4 (1) (2) (3)		
Renju Unit	6 (1) (2) (3)		
L-Unjoni	868 (1) (2) (3)		
Norveġja	628 (1) (2)		
Gżejjer Faeroe	0 (1) (2) (4)		
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandux japplika	

(1) Jistgħu jiġu mistada biss mill-10 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru.

(2) Jistgħu jiġu mistada biss fl-ilmijiet ta' Greenland fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish li hija kkonfinata mil-linji li jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	64° 45′ N	28° 30′ W
2	62° 50′ N	25° 45′ W
3	61° 55′ N	26° 45′ W
4	61° 00′ N	26° 30′ W
5	59° 00′ N	30° 00′ W
6	59° 00′ N	34° 00′ W
7	61° 30′ N	34° 00′ W
8	62° 50′ N	36° 00′ W
9	64° 45′ N	28° 30′ W

(3) Kondizzjoni speċjali: din il-kwota tista' tiġi mistada wkoll fl-ilmijiet internazzjonali taż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish imsemmija hawn fuq (RED/*5-14P).

(4) Jistgħu jiġu mistada biss fl-ilmijiet ta' Greenland ta' 5 u 14 (RED/*514GN)."

3. Fl-Anness IV, punt 4, it-tabella A hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Tabella A

Għadd ta' bastimenti tas-sajd [1]							
	Ċipru [2]	Greċja [3]	Kroazja	Italja	Franza	Spanja	Malta [4]
għas-sajd bit-tartaruni tal-borża	1	1	16	12	20	6	1
għas-sajd bil-konzijiet	20 [5]	0	0	30	8	31	54
għas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	37	60	0
għas-sajd bix-xolfa	0	0	12	0	33 [6]	2	0
għat-tkarkir	0	0	0	0	57	0	0
Sajd artiġjanali ieħor [7]	0	42	0	0	118	184	0

[1] In-numri li jidhru fit-taqsimiet 1, 2 u 3 jistgħu jonqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.
[2] Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi ssostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet jew b'bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża żgħir wieħed flimkien ma' mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
[3] Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi ssostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew b'bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża wieħed żgħir u tliet bastimenti ohra tas-sajd artiġjanali.
[4] Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
[5] Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'iktar minn irkaptu wieħed.
[6] Bastimenti tas-sajd bix-xolfa li joperaw fl-Atlantiku.
[7] Bastimenti polivalenti, li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xlief, xlief bir-rixa)."